MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Numru 774/2002

PULIZIJA
SPETTUR IAN J. ABDILLA
VS
JOSEPH MARY DIFESA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Mary Difesa ta’ 50 sena, iben il-mejjet Joseph u l-mejta Mary nee’ Farrugia, imwieled il-Belt Valletta fil-21 ta’ Settembru 1951, residenti f’Villa Difesa’, Triq Santa Clara, Bahar ic-Caghaq u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 723051(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-21 ta’ Lulju 2002, f’dawn il-Gzejjer iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn hadiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li jista’ jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh, jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe 18-il Compact Disk tal-musika; u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli, fl-istess perijodu, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha; u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U b’hekk hu, Joseph Mary Difesa, sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) diversement preseduti, u datati 4 ta’ Frar 2002, 14 ta’ Marzu 2002 u 27 ta’ Gunju 2002 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

U anke b’hekk hu, Joseph Mary Difesa, jitqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-terminu ta’ l-Avviz Legali 120 tal-1992.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.19) u dik ta’ l-imputat a(a fol. 16)sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Ispettur Ian J. Abdilla (ara fol.4 et seq.) flimkien ma' PC 273, PC 494 u PC 290, kienu ordnati jaghmlu inspezzjonijiet mis-Superjuri taghhom, fid-diversi swieq ta' Malta fid-data citata fl-akkuza ghal hwejjeg *counterfeit*. Spettur Ian Abdilla xehed:

*"U minn fuq l-istall ta' Joseph Difesa, li qed nara hawn prezenti fl-awla, konnha sibna 18-il CD li kienu counterfeit, dawn kienu go pouch."*

In kontro ezami, l-Ispettur Ian Abdilla jikkonferma li dan il-*pouch* kien madwar zaqq ta' mara jew tfajla (ara fol.5) u li ebda oggett *counterfeit* ma gie elevat minn fuq it-tilar ta' l-imputat.

Gew ezebiti Dok.JS1 u Dok.JS2 sentenzi fil-konfront ta' l-imputat. Martin Bajada nnominat bhala Espert tekniku, ezebixxa Dok.MB (a fol.39 et seq.) u kkonkluda illi t-tmintax (18)-il Compact Disk elevati mill-Prosekuzzjoni kienu *non-compliant* (ara pagna 44).

PC 290 Jean Paul Formosa (a fol.47) ikkonferma x-xhieda ta' l-Ispettur Ian Abdilla, ghal rigward ta' l-inspezzjoni fuq il-Monti ta' Malta u li fuq it-tilar ta' Joseph Mary Difesa:

*"Sibna pouch li kien fih tmintax-il CD naturalment bil-kuntrabandu."*

PC 474 Norbert Said (a fol.59 et seq.), bl-istess manjiera, xehed li fuq l-*istall* ta' l-imputat:

*"Innutajna li kien hemm pouch iswed bi tmintax-il CD ikkupjati."*

Fil-verbal tat-22 ta' Ottubru 2009, il-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni akkuza, migjuba fil-konfront ta' l-imputat, minhabba nuqqas ta' kwerela.

L-imputat, Joseph Mary Difesa, ghazel li ma jixhidx u ma kellux provi x'jiproduci.

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni naqqsu illi jipprovaw il-kaz taghhom fil-grad mistenni fil-kamp kriminali u cioe bla dubju dettat bir-raguni. Li dan qieghed jinghad il-ghaliex, kif jghid ben tajjeb, l-Ispettur Ian Abdilla fil-kontro ezami, it-tmintax (18)-il *counterfeit CD's* ma nstaghbux fuq il-persuna ta' l-imputat jew fuq it-tilar tieghu, izda ma qadd tfajla li kienet vicin tat-tilar ta' l-imputat. Il-Prosekuzzjoni, bl-ebda mod ma pprovaw xi ness bejn in it-tfajla u l-imputat. In fatti, din il-Qorti lanqas ma giet provduta b'informazzjoni dwar l-identifikazzjoni ta' din it-tfajla jew xi partikolaritajiet ohra taghha. Lanqas ma tressqet, f'dawn il-proceduri, bhala xhud, jew almenu bhala co-akkuzata.

Fis-sentenza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Dr. David Scicluna fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ommissis, Gilmore Cachia** (deciza 31 ta' Lulju, 2009), f'kawza simili, pero' b' fatturi ferm aktar indikattivi minn dawk tal-kawza odjerna, Dik l-istess Qorti rriteniet:

*"Apparti dawn il-provi ma hemm xejn. Wiehed jista' jitkellem fuq suspett fl-appellant peress illi kien hdejn l-istall minn fejn gew elevati diski li kienu counterfeit u kien diga' maghruf lil Pulizija f'dan il-qasam,*

*izda jista' jighad illi b'daqshekk il-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha minghajr dubju ragonevoli? Wara l-istall kien hemm persuna ohra, Nazzareno Buhagiar, hemm xi prova li l-appellant kellu x'jaqsam mal-bejgh jew cirkolazzjoni tad-diski imsemmija? L-ircevuta giet rilaxxata lil Nazzareno Buhagiar u mhux lill-appellant. X'riedu jfissru l-Pulizija li l-appellant kien 'hdejn' l-istall? X'tip ta' allegata tmexxiha kellu l-appellant fl-istall? X'sehem kellu, jekk kellu, l-appellant fid-diski in kwistjoni? Kien qieghed jassisti lil Buhagiar? Kemm kien ilu hdejn l-istall?..."*

Illi fil-kaz in ezami, id-diski inkriminanti lanqas biss kienu fuq il-persuna tieghu jew fil-pussess immedjat jew approssimu ta' l-imputat!

Illi ghal dawn il-motivi u fuq l-istess insenjament tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kif fuq citat, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------